# Kif nitgħallmu?








# Int kif titgħallem?

kulħadd l-istess jew differenti?




erbat iñbieb

# Kamping fil-Wied







Nicky

"L-importanti għalija li nżommu kollox f'postu…ma rridx basktijiet u platti jiġru 'l hemm u 'l hawn…"

"U l-aħjar nagħmlu pjan biex kuljum, skond min ikun imissu, inaddaf il-kamp u jerfa' l-affarijiet li jkunu nqalgħu…"





Erica

“Jien ġibt il-kotba u t-tablet miegħi. Dan il-ktieb mimli informazzjoni fuq dan il-Wied li qegħdin fih. Tafu li hemm dar antika ftit ’il bogħod minn hawn li fiha kien joqgħod kavallier?…

“…u tafu li iżjed ’l isfel fil-Wied kienu qatlu raġel?”

“U tafu li dan il-Wied kien differenti qabel?…Illaħwa kemm hawn informazzjoni fuq it-tablet!”






"Teħdux għalikom jekk ma tarawnix , jien inħobb noqgħod naħseb waħdi…"

"…ikun hemm xi ħsarat ħalluhom f'idi…Ġibt il-kaxxa ta' l-għodda miegħi"



"Qed nipprova nibni xi ħaġa b'dawn l-erba' injamiet li fadal…"



Il-kamp tagħna naraw x’nagħmlulu biex ma jkunx bħal ta’ l-oħrajn ta’! Nagħmluh aħdar jixgħel? Jew forsi nimlewh bil-fjuri? Forsi nagħmlu purtieri roża? ”

**Chris**

“Issa noqogħdu nduru fil-Wied ta’! Jien tgħidx kemm inħobb l-avventura…immorru *abseiling* ma’ dak l-irdum?





*Kulħadd  jara l-affarijiet b'mod differenti…*

- allura issa?
- jien x'għandi x'naqsam?



Il-programm

# Let Me Learn

…u kif **<u>inħobbu</u>** u kif **<u>nsiru nafu</u>** nitgħallmu



# Let Me Learn

Meta nitgħallmu nużaw 4 ***patterns*** differenti:

- **Sekwenza**
- **Preċiżjoni**
- **Ħsieb Tekniku**
- **Konfluwenza**

# is-sekwenza



- Importanti li nżomm kollox f'postu, ħaġa wara l-oħra…
- Inħobb nippjana
- Napprezza min jgħidli x'inkun irrid nagħmel
- Meta nagħmel biċċa xogħol inkun irrid inlestiha mill- bidu sa' l-aħħar



"L-importanti għalija li nżommu kollox f'postu…ma rridx basktijiet u platti jiġru 'l hemm u 'l hawn…"

"U l-aħjar nagħmlu pjan biex kuljum, skond min ikun imissu jnaddaf il-kamp u jerfa' l-affarijiet li jkunu nqalgħu…"



tħobb **l-ordni**
u tħobb
**tippjana**

# tiftakruha x'qalet Nicky?

# il-preċiżjoni




- inħobb naqra u nfittex ħafna informazzjoni
- inħobb nispjega fid-dettall
- nieħu pjaċir nikteb (anke fit-tul)
- inħobb programmi bħal dokumentarji u kwizzis



Erica

"Jien ġibt il-kotba u t-tablet miegħi. Dan il-ktieb mimli informazzjoni fuq dan il-Wied li qegħdin fih. Tafu li hemm dar antika ftit 'il bogħod minn hawn li fiha kien joqgħod kavallier?...

"...u tafu li iżjed 'l isfel fil-Wied kienu qatlu raġel?"

"U tafu li dan il-Wied kien differenti qabel?...Illaħwa kemm hawn informazzjoni fuq it-tablet!"



tħobb **taqra** u tħobb **id-dettall**

(araw kemm użat kliem u informazzjoni!!)

# tiftakruha x'qalet Erica?

# Ħsieb Tekniku



- Nieħu gost inkun naf kif jaħdmu l-affarijiet
- Togħġobni l-isfida li nsewwi xi ħaġa
- Inħobb nibni l-affarijiet u nuża l-għodda
- Nieħu pjaċir naħdem waħdi



"Teħdux għalikom jekk ma tarawnix , jien inħobb noqgħod naħseb waħdi…"

"…ikun hemm xi ħsarat ħalluhom f'idi…Ġibt il-kaxxa ta' l-għodda miegħi"

"Qed nipprova nibni xi ħaġa b'dawn l-erba' injamiet li fadal…"



iħobb **jaħdem waħdu**, iħobb **l-għodda** u jħobb **jibni**

(uża ħafna inqas kliem!)

# tiftakru x'qal Steve?

# il-konfluwenza



- inħobb naħseb f'ħafna ideat differenti
- naħdem ma' oħrajn biex il-biċċa xogħol tkun innovattiva
- inħobb l-avventuri u nieħu pjaċir nirriskja
- inħobb nirreċta quddiem l-oħrajn



Il-kamp tagħna naraw x'nagħmlulu biex ma jkunx bħal ta' l-oħrajn ta'! Nagħmluh aħdar jixgħel? Jew forsi nimlewh bil-fjuri? Forsi nagħmlu purtieri roża? "

"Issa noqogħdu nduru fil-Wied ta'! Jien tgħidx kemm inħobb l-avventura...immorru *abseiling* ma' dak l-irdum?



iħobb **ikun oriġinali** u jħobb **ir-riskju**

# tiftakru x'qal Chris?

issa nafu li…



Nicky għandha sekwenza għolja



Erica għandha preċiżjoni għolja



Steve għandu teknika għolja



Chris għandu konfluwenza għolja

…imma aħna nużaw *il-patterns* kollha

# kif insiru nafu kif inħobbu nitgħallmu aħna?

